MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 22/2005

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Boris Onoprienko**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut
ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u sebghin lira Maltin (Lm1,670) rapprezentanti ammont dovut mill-konvenut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21315598 (skond kif jirrizulta mill-anness Dok A) liema servizz gie nstallat fil-fond Flat 4, Block A, Highrise apartments, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex u dana kif jirrizulta mill-anness Dok B.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezentata ta' l-Avviz ghas-smiegh, ta' l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet

professjonali u bl-imghaxijiet, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-21 ta’ Frar, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------